**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Jannar, 2019**

**Talba Nru: 519/2018PM1**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Vs**

**Kenneth Spiteri (K.I. 532685(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tnejn (2) ta' Novembru, elfejn u tmintax (2018) illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici is-somma ta' elfejn, tlett mija u tmienja u disghin euro u hmistax-il centezmu (€2398.15) bilanc ghad-debitu fil-'Consumer loan' tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'A' anness mal-avviz) flimkien mal-imghax ulterjuri mil-24 t'Ottubru, 2018 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Gunju, 2018 (Dok. 'B' anness mal-avviz) u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-istess talba.

Ra d-dokument annessi mal-istess avviz, inkluz l-affidavit ta' Johanna Bartolo in rapprezentanza legali tas-socjeta` attrici.

Ra li fis-seduta tal-lum deher il-konvenut debitament assistit mir-rapprezentant legali tieghu u ddikjara li kien qed jammetti t-talba surreferita.

Ra n-nota ta' ammissjoni tal-konvenut prezentata seduta stante u li, permezz taghha ammetta t-talba attrici.

Ra illi l-kawza giet konsegwentement posposta ghas-sentenza.

Ghaldaqstant it-Tribunal, in vista tal-ammissjoni registrata mill-istess intimat, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur s-somma mitluba ta' ta' elfejn, tlett mija u tmienja u disghin euro u hmistax-il centezmu (€2398.15) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-'Consumer loan' tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mil-24 t'Ottubru, 2018 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Gunju, 2018 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-istess talba kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.A. (Melit) M.Phil.**

**Gudikatur**